MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2011

Mandat Numru. 154/2011/1

**Romina Marmara**

**vs**

**Josef Marmara**

**Il-Qorti,**

Rat il-mandat fuq indikat datat is-6 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu ir-rikorrenti talbet li jinhareg l-imsemmi mandat fil-konfront tas-socjeta` ACE Holdings Limited ghar-ragunijiet hemm elenkati u dan, biex jigu salvagwardati d-drittijiet tar-rikorrenti fil-komunjoni tal-akkwisti li hi ghandha mal-intimat;
Rat id-digriet taghha ukoll datat is-6 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fl-udjenza tal-11 ta’ Lulju, 2011 fil-hin hemm indikat;

Rat il-verbal tal-11 ta’ Lulju, 2011, fejn stante li rrizulta li l-intimat ma kienx debitament notifikat, is-smiegh tal-istess gie differit ghall-udjenza tad-29 ta’ Lulju, 2011, fil-hin hemm indikat;

Illi fid-data indikata fil-paragrafu ta’ qabel, dehru l-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet, ir-rikorrenti debitament assistita mir-rapprezentant legali taghha, infurmaw lill-qorti bis-segwenti:

1. Illi l-intimat mhux qed jopponi l-mandat t’inibizzjoni in dizamina;

2. Illi l-partijiet qed jikkultivaw transazzjoni fil-kawza ghas-separazzjoni pendenti bejniethom;

3. Illi ghad jonqos li jigi ivverifikat l-abbozz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni;

4. Illi giet ukoll ipprezentata kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta` riferita fir-rikors promotur;

5. Illi r-rikorrenti nfurmat lill-qorti li meta jigi redatt il-kuntratt ta’ separazzjoni hi tkun lesta tirtira l-mandat t’inibizzjoni minnha propost;

Rat id-dokumenti esebiti;

Illi in vista tal-premess, u stante l-qbil bejn il-partijiet kif fuq sintetikament elenkat, tilqa’ t-talba u tordna l-hrug tal-mandat t’inibizzjoni kif propost mir-rikorrenti Romina Marmara, bl-ispejjez kontra l-intimat.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------